Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 24 ta' Settembru 2025**
**(OR. en)**

**13214/25**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2018/0228 (COD)**

**TRANS 405**
**ENER 458**
**TELECOM 321**
**POLMIL 272**
**POLGEN 149**
**COMPET 914**
**MI 683**
**CADREFIN 229**
**FIN 1106**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 24 ta' Settembru 2025 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2025) 516 final |
| Suġġett: | RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI<br>Rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa 2021-2027 għas-snin 2021-2024 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 516 final.

---

Mehmuż: COM(2025) 516 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 24.9.2025
COM(2025) 516 final

**RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI**

**Rapport ta' progress dwar l-implimentazzjoni tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa 2021-2027 għas-snin 2021-2024**

MT MT

# I. Introduzzjoni

L-Artikolu 22(4) tar-Regolament (UE) 2021/1153 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) għall-perjodu 2021–2027[1] jirrikjedi li l-Kummissjoni tippreżenta rapporti ta' progress li jinkludu informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-FNE u jiċċaraw jekk is-setturi differenti humiex fit-triq it-tajba. Ir-Regolament dwar il-FNE ġie adottat f'Lulju 2021, 6 xhur wara l-bidu tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) tal-2021–2027, u dan l-ewwel rapport ta' progress se jkopri s-snin 2021–2024.

Il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa ġiet stabbilita għall-bini, l-iżvilupp, l-immodernizzar u t-tlestija tan-networks trans-Ewropej fis-setturi diġitali, tat-trasport u tal-enerġija. Il-konnettività transfruntiera bla xkiel hija kundizzjoni meħtieġa għall-funzjonament tajjeb tas-suq uniku tal-UE. Din trawwem koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali akbar u tikkontribwixxi biex l-UE tilħaq l-impenji ta' dekarbonizzazzjoni fit-tul tal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Il-programm attwali huwa s-suċċessur tal-programm FNE 2014–2020 (FNE1) taħt il-QFP preċedenti. Il-baġit finanzjarju għall-implimentazzjoni tal-programm FNE 2021–2027 (FNE2) huwa ta' EUR 33,7 biljun.

Il-FNE hija strument ġestit ċentralment. Din tiġi implimentata bl-għajnuna tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għall-Klima, għall-Infrastruttura u għall-Ambjent (CINEA, European Climate, Infrastructure and Environment Executive Agency) għas-setturi tat-trasport u l-enerġija, u bl-għajnuna tal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HaDEA, European Health and Digital Executive Agency) għas-settur diġitali. Hija bbażata fuq il-kompetizzjoni bejn il-proġetti ppreżentati minn promoturi ta' proġetti bħal maniġers tal-infrastruttura jew kumpaniji privati matul is-sejħiet regolari għal proposti tal-FNE. Din il-kompetizzjoni tiżgura kwalità għolja fit-tħejjija tal-proġetti u tagħmel pressjoni għall-forniment tagħhom fil-ħin. Dan il-mudell ta' governanza jiggarantixxi li l-fondi tal-FNE jservu l-prijoritajiet stabbiliti fir-Regolament. Il-FNE hija implimentata permezz ta' programmi ta' ħidma pluriennali li jispeċifikaw l-iskeda ta' żmien għas-sejħiet għal proposti, is-suġġetti, il-baġit indikattiv, u l-kriterji tal-għażla u tal-għoti tagħhom.

Trasport:

Għas-settur tat-**trasport**, il-FNE tappoġġa proġetti ta' infrastruttura ta' interess komuni relatati mat-tlestija u l-immodernizzar tan-network trans-Ewropew tat-trasport (TEN-T, trans-European transport network) biex jgħinu fl-iżvilupp ta' network u infrastruttura tat-trasport trans-Ewropej effiċjenti, interkonnessi u multimodali għal mobbiltà intelliġenti, interoperabbli, sostenibbli, inklużiva, aċċessibbli, sikura u sigura. Il-FNE għandha wkoll l-għan li tadatta partijiet mit-TEN-T għall-infrastruttura tat-trasport b'użu doppju sabiex ittejjeb kemm il-mobbiltà ċivili kif ukoll dik militari. Il-baġit allokat għall-fergħa tal-FNE Trasport għall-2021–2027 jammonta għal EUR 25,8 biljun. Huwa allokat total ta' EUR 11,3 biljun għall-pajjiżi eliġibbli biex jirċievu appoġġ mill-Fond ta' Koeżjoni u EUR 1,7 biljun għal proġetti ta' mobbiltà militari b'użu doppju.

[1] Ir-Regolament (UE) 2021/1153 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Lulju 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1316/2013 u (UE) Nru 283/2014 (Test b'rilevanza għaż-ŻEE) ĠU L 249, 14.7.2021, p. 38–81.

Il-programm ta' ħidma pluriennali tal-FNE Trasport, adottat f'Awwissu 2021[2] u emendat f'Lulju 2023[3], ikopri s-sejħiet annwali għal proposti mill-2021 sal-2024. Minħabba l-għadd għoli ta' abbonament żejjed ta' dawn is-sejħiet, il-maturità tal-proġetti u l-inflazzjoni li qed tiżdied wara l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja, l-emenda tal-programm ta' ħidma pluriennali ppermettiet li jiġi fornut minn qabel il-baġit kollu disponibbli skont il-QFP attwali għas-sejħiet tal-FNE Trasport għall-2023 u l-2024.

Enerġija:

Il-fergħa tal-FNE ddedikat għas-settur tal-enerġija (**FNE Enerġija**) għandha l-għan li tiżviluppa proġetti ta' interess komuni u proġetti ta' interess reċiproku fl-ambitu tal-politika tan-networks trans-Ewropej għall-Enerġija (TEN-E)[4] sabiex ikompli jiġi integrat is-suq intern tal-enerġija, tiżdied l-interoperabbiltà tan-networks bejn il-fruntieri u s-setturi, tiġi ffaċilitata d-dekarbonizzazzjoni tal-ekonomija, u tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista. Jenħtieġ li l-FNE Enerġija tiffaċilita wkoll il-kooperazzjoni transfruntiera fl-enerġija, inkluż għal proġetti tal-enerġija rinnovabbli. Il-FNE Enerġija għandha baġit ta' EUR 5,8 biljun għall-2021–2027.

L-ewwel programm ta' ħidma pluriennali għall-FNE Enerġija ġie adottat f'Awwissu 2021[5]. Dan ġie emendat f'Ottubru 2022[6] wara l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna biex jipprovdi assistenza teknika għal studji addizzjonali meħtieġa għall-aċċellerazzjoni tas-sinkronizzazzjoni tas-sistema tal-elettriku tal-Istati Baltiċi man-network kontinentali Ewropew[7].

Ir-Regolament rivedut dwar l-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea (TEN-E, trans-European energy infrastructure)[8] daħal fis-seħħ fl-2022. Dan jistabbilixxi linji gwida għall-politika trans-Ewropea dwar in-network tal-enerġija u l-proċedura tal-għażla għal proġetti ta' interess komuni (PCIs, projects of common interest) fl-UE u proġetti ta' interess reċiproku (PMIs, projects of mutual interest) ma' pajjiżi mhux tal-UE[9]. Dawn il-PCIs u l-PMIs infrastrutturali huma waħda miż-żewġ kategoriji ta' proġetti li huma eliġibbli għall-

[2] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2021) 5763 final tal-5 ta' Awwissu 2021 dwar il-finanzjament tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Is-settur tat-trasport u l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2021–2027.

[3] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (2023) 4886 final tal-25 ta' Awwissu 2023 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2021) 5763 final dwar il-finanzjament tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - Is-settur tat-trasport u l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma għall-2021–2027.

[4] Definita fir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, ĠU L 152, 3.6.2022, p. 45-102.

[5] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (2021) 5791 final tas-6 ta' Awwissu 2021 dwar il-finanzjament tas-settur tal-enerġija taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma pluriennali għall-perjodu 2021–2027.

[6] Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (2022) 7393 final tat-13 ta' Ottubru 2022 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2021) 5791 final dwar il-finanzjament tas-settur tal-enerġija taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma pluriennali għall-perjodu 2021–2027.

[7] Ara: Funding for projects of common interest (europa.eu).

[8] Ir-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar linji gwida għall-infrastruttura tal-enerġija trans-Ewropea, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 715/2009, (UE) 2019/942 u (UE) 2019/943 u d-Direttivi 2009/73/KE u (UE) 2019/944, u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 347/2013,ĠU L 152, 3.6.2022, p. 45–102.

[9] Il-PMIs ġew introdotti permezz tar-reviżjoni tar-Regolament TEN-E fl-2022 u kienu eliġibbli għall-ewwel darba biex japplikaw għall-FNE Enerġija fl-2024.

finanzjament tal-FNE Enerġija (il-kategorija l-oħra hija proġetti transfruntieri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli).

Din ir-reviżjoni allinjat ir-Regolament TEN-E mal-objettiv tan-newtralità klimatika tal-UE għall-2050, u b'hekk irrestrinġiet l-eliġibbiltà tal-proġetti tal-infrastruttura tal-gass għal dawk meħtieġa biex jintemm l-iżolament fil-qasam tal-enerġija ta' Ċipru u Malta. Din introduċiet ukoll kategoriji ġodda ta' proġetti: grilji tal-elettriku lil hinn mill-kosta, proġetti tal-idroġenu u elettrolizzaturi. Fid-dawl tar-reviżjoni, f'Novembru 2023 ġiet adottata lista ġdida ta' PCI u ta' PMI, li tidentifika l-proġetti magħżula fil-kategoriji l-ġodda u tagħmilhom eliġibbli li japplikaw għall-FNE mill-2024[10].

Fi Frar 2024 ġie adottat programm ta' ħidma pluriennali ġdid għall-2024–2027[11].

Diġitali:

B'baġit ta' madwar EUR 1.6 biljun, l-objettivi tas-settur tal-**FNE Diġitali** huma li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni ta' networks diġitali u sistemi 5G sikuri u siguri b'kapaċità għolja ħafna, li jżid ir-reżiljenza u l-kapaċità tan-networks ewlenin diġitali fit-territorji tal-UE billi jorbothom ma' territorji ġirien u li jrawwem id-diġitalizzazzjoni tan-networks tat-trasport u tal-enerġija. Il-FNE Digitali (2021–2027) għandha objettivi differenti u baġit akbar mill-predeċessur tagħha FNE Telekomunikazzjoni (2014–2020). Il-FNE Digitali tiffoka fuq għotjiet għall-implimentazjoni tal-infrastruttura tal-konnettività diġitali ta' rilevanza pan-Ewropea, filwaqt li l-FNE Telekomunikazzjoni kienet allokat EUR 117-il miljun għal strumenti finanzjarji li jappoġġaw l-implimentazjoni tal-infrastruttura tal-broadband, EUR 130 miljun għal WiFi4EU, u l-bqija tal-baġit għas-servizzi diġitali (madwar EUR 900 miljun).

L-ewwel programm ta' ħidma pluriennali diġitali tal-FNE, li jkopri s-sejħiet għall-2021–2023, ġie adottat f'Diċembru 2021[12] u emendat f'April 2023[13] biex jitqiesu l-bidliet fit-tħejjija u d-domanda tal-partijiet ikkonċernati u l-aħħar żviluppi fil-prijoritajiet ta' politika. It-

[10] Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1041 tat-28 ta' Novembru 2023 li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-lista tal-Unjoni ta' proġetti ta' interess komuni u proġetti ta' interess reċiproku, ĠU L, 2024/1041, 8.4.2024.

[11] L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (2024) 482 final tal-1 ta' Frar 2024 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni C(2022) 7393 dwar il-finanzjament tas-settur tal-enerġija taħt il-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u dwar l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma pluriennali għall-perjodu 2021–2027.

[12] L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (2021) 9463 final tas-16 ta' Diċembru 2021 dwar il-finanzjament tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa – is-Settur diġitali u l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma pluriennali għall-2021–2025. Il-Programm ta' ħidma pluriennali għall-2021–2023 - Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - | Diġitali Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa.

[13] L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (2023) 2533 final tad-19 ta' April 2023 li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni C(2021) 9463 dwar il-finanzjament tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa – is-Settur diġitali u l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma pluriennali għall-2021–2025. Il-Programm ta' ħidma pluriennali għall-2021–2023 - Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa - | Diġitali Insawru l-futur diġitali tal-Ewropa.

tieni programm ta' ħidma pluriennali diġitali tal-FNE (2024–2027) ġie adottat f'Ottubru 2024[14].

## II. Sejħiet għal proposti mill-2021 sal-2024

Trasport:

Il-**FNE Transport** hija prinċipalment allokata permezz ta' sejħiet annwali għal proposti. S'issa tnedew u ġew konklużi tliet sejħiet ġenerali u ta' koeżjoni annwali, b'baġit disponibbli ta' EUR 19-il biljun. Il-pakkett għall-mobbiltà militari (EUR 1,7 biljun) ġie allokat fl-intier tiegħu fi tliet sejħiet bejn l-2021 u l-2023. L-aħħar sejħa għall-pakkett ġenerali u ta' koeżjoni (EUR 2,5 biljun) ingħalqet f'Jannar 2025 u l-evalwazzjoni għadha għaddejja. Din kienet l-ewwel sejħa bbażata fuq ir-Regolament TEN-T rivedut[15] li daħal fis-seħħ fl-2024.

Ir-rispons għas-sejħiet wera interess qawwi mill-promoturi tal-proġetti, b'rati ta' abbonament żejjed li jitilgħu sa kważi tliet darbiet aktar mill-baġit disponibbli. Il-gwerra ta' aggressjoni mhux ipprovokata mir-Russja kontra l-Ukrajna żvelat ukoll il-ħtieġa li jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' infrastruttura tat-trasport ċivili-militari biex jiġu indirizzati l-konsegwenzi tas-sitwazzjoni ġeopolitika l-ġdida. L-impatt taż-żieda fil-prezzijiet għall-enerġija u l-materja prima, u n-nuqqas ta' forza tax-xogħol wasslu għal aktar ħtiġijiet ta' finanzjament. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni, bi qbil mal-Kumitat tal-FNE, għamlet użu mill-flessibbiltà pprovduta fi ħdan il-programm ta' ħidma pluriennali għas-sejħiet tal-2021 u l-2022 (l-għoti ta' fondi addizzjonali sa 20 % tal-ammont indikat fil-programm ta' ħidma inizjali). Barra minn hekk, il-programm ta' ħidma pluriennali tal-FNE 2021–2027 ġie emendat f'Lulju 2023 biex isir forniment minn qabel ulterjuri tal-baġit kollu disponibbli taħt il-QFP attwali għas-sejħiet għall-FNE Trasport għall-proposti għall-2023 u l-2024.

Parti mill-baġit tal-FNE Trasport huwa allokat għall-**Faċilità għall-Infrastruttura tal-Fjuwils Alternattivi** (AFIF, Alternative Fuels Infrastructure Facility), li ġiet stabbilita bħala strument ta' taħlit li jikkombina l-għotjiet tal-FNE ma' strumenti finanzjarji pprovduti minn banek promozzjonali jew kummerċjali nazzjonali. B'baġit ta' EUR 2,3 biljun, l-AFIF hija ddedikata għall-infrastruttura tal-fjuwils alternattivi bħall-punti ta' ċċarġjar elettriku, l-elettriku mix-xatt għall-vapuri rmiġġati, l-istazzjonijiet ta' riforniment tal-idroġenu eċċ. Is-sejħa kontinwa għal proposti tal-AFIF 2021 (b'ħames dati ta' skadenza) għalqet fi tmiem l-2023.

It-tieni sejħa kontinwa tal-AFIF bil-baġit li jifdal ta' EUR 1 biljun tnediet fi Frar 2024, bi tliet dati ta' skadenza kull 6 xhur sal-bidu tal-2026. L-ewwel data ta' skadenza kienet Settembru 2024. Għal dan il-limitu, ingħataw EUR 421 miljun lil 39 proposta magħżula.

Tabella 1: ***Sejħiet għal proposti tal-FNE Trasport 2021–2023***

[14] L-Anness tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (2024) 6891 tad-9 ta' Ottubru 2024 dwar il-finanzjament tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa – is-Settur diġitali u l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma pluriennali għall-2024-2027.

[15] Ir-Regolament (UE) 2024/1679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Ġunju 2024 dwar linji gwida tal-Unjoni għall-iżvilupp tan-network trans-Ewropew tat-trasport, li jemenda r-Regolamenti (UE) 2021/1153 u (UE) Nru 913/2010 u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1315/2013, ĠU L, 2024/1679, 28.6.2024.

| | Proposti | | Baġit | | | Rata ta' abbonament żejjed* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Pakkett | Eliġibbli | Kienu ta' suċċess | Indikattivi | Mitluba | Allokati | |
| Ġenerali | 909 | 299 | 8,5 biljuni | 30,7 biljun | 9,5 biljuni | 3,6 |
| Koeżjoni | 214 | 109 | 8,8 biljuni | 19,6 biljun | 9 biljuni | 2,2 |
| AFIF | 191 | 167 | 1,9 biljun | 2 biljuni | 1,7 biljun | 1 |
| Mobbiltà militari | 186 | 95 | 1,7 biljun | 5 biljuni | 1,7 biljun | 2,9 |
| Numru totali | 1 454 | 631 | 20,3 biljun | 56,8 biljun | 21,5 biljun | 2,8 |

(*) Ir-rata ta' abbonament żejjed: il-finanzjament mitlub diviż bil-baġit indikattiv tas-sejħa.

Enerġija:

Il-baġit tal-**FNE Enerġija** huwa allokat permezz ta' sejħiet differenti: (i) is-sejħa għal proġetti tal-infrastruttura tal-enerġija (oriġinarjament għall-PCIs biss, iżda l-PMIs ilhom eliġibbli mill-2024), u (ii) is-sejħiet għal kooperazzjoni transfruntiera fl-enerġija rinnovabbli (CB RES, cross-border cooperation in renewable energy), li jinkludu sejħa għal studji preparatorji u sejħa għal studji u xogħlijiet tekniċi.

Is-sejħa għal PCI tal-FNE saret kull sena, b'baġit indikattiv ta' EUR 785 miljun għall-2021, EUR 800 miljun għall-2022, EUR 750 miljun għall-2023 u EUR 850 miljun għall-2024. Is-sejħiet għal PCI tal-FNE irreġistraw rati għoljin ta' sottoskrizzjoni u rriżultaw f'għotjiet li jiswew 95 % tal-baġits indikattivi tas-sejħiet mogħtija għal proposti ta' finanzjament xierqa.

Tabella 2: ***Sejħiet għal PCI tal-FNE Enerġija 2021–2024***

| | Proposti | | Baġit | | | Rata ta' abbonament żejjed* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Sena | Eliġibbli | Kienu ta' suċċess | Indikattivi | Mitluba | Allokati | |
| 2021 | 11 | 5 | 785 miljun | 1,3 biljun | 1 biljun | 1,66 |
| 2022 | 19 | 8 | 800 miljun | 1,3 biljun | 601 miljun | 1,68 |
| 2023 | 11 | 8 | 750 miljun | 1,3 biljun | 566 miljun | 1,67 |
| 2024 | 70 | 41 | 850 miljun | 3,1 biljuni | 1,25 biljun | 3,67 |
| Numru totali | 111 | 21 | 3,2 biljuni | 7 biljuni | 3,5 biljuni | 2,20 |

(*) Ir-rata ta' abbonament żejjed: il-finanzjament mitlub diviż bil-baġit indikattiv tas-sejħa.

Is-sejħa tal-2021 allokat ammont ogħla minn dak previst inizjalment fil-baġit indikattiv tas-sejħa. Filwaqt li kien hemm abbonamenti żejda għas-sejħiet sussegwenti għall-proposti fl-2022 u fl-2023, il-Kummissjoni allokat ammonti kemxejn aktar baxxi mill-baġits tas-sejħiet inizjali. Dan huwa dovut għall-għażla stretta ta' proġetti li tqis il-maturità u għalhekk il-probabbiltà tar-realizzazzjoni tagħhom, ir-rilevanza tal-proposti sottomessi fir-rigward tal-kriterji tal-għoti, u l-ġustifikazzjoni tal-ħtiġijiet ta' finanzjament (l-eżistenza ta' diskrepanza fil-finanzjament li ma setgħetx tiġi eliminata mingħajr finanzjament mill-FNE).

Is-sejħa tal-2024, b'baġit indikattiv ta' EUR 850 miljun, infetħet f'April 2024 u ngħalqet f'Ottubru 2024, li tirriżulta fl-allokazzjoni ta' EUR 1 250 miljun għal 41 mis-70 proposta eliġibbli.

**Sejħiet transfruntieri għall-enerġija rinnovabbli (CB RES)**

Mill-2021 ġew organizzati ħames sejħiet tas-**CB RES**: tliet sejħiet għal studji preparatorji (2021, 2022, 2023) u żewġ sejħiet għal studji u xogħlijiet tekniċi (2022, 2023). Għall-istudji

preparatorji, l-ewwel sejħa kellha rata ta' abbonament pjuttost baxxa, relatata man-novità tat-tieqa tal-programm. Il-proporzjon ta' finanzjament ittejjeb b'mod sinifikanti fis-sentejn li ġejjin, għalkemm għadu modest, u dan jirrifletti l-proċess tal-bini ta' sensiela ta' proġetti li jissodisfaw il-kriterji.

Tabella 3: ***Sejħiet għas-CB RES tal-FNE Enerġija 2021–2023***

| Sena | Proposti | | Baġit | | | Rata ta' abbonament żejjed* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Eliġibbli | Kienu ta' suċċess | Indikattivi | Mitluba | Allokati | |
| 2021 | 3 | 2 | 1 miljun | 473 944 | 298 944 | 0,5 |
| 2022 | 5 | 3 | 31 miljun | 44 miljun | 22 miljun | 1,42 |
| 2023 | 10 | 9 | 51 miljun | 74 miljun | 68 miljun | 1,45 |
| Numru totali | 18 | 14 | 83 miljun | 118-il miljun | 91 miljun | 1,43 |

(*) Ir-rata ta' abbonament żejjed: il-finanzjament mitlub diviż bil-baġit indikattiv tas-sejħa.

It-tielet sejħa għas-CB RES għal studji u xogħlijiet tekniċi, b'baġit indikattiv ta' EUR 80 miljun, infetħet f'Ottubru 2024 u ngħalqet f'Jannar 2025. Is-sejħiet tas-CB RES għal studji preparatorji ma tkomplewx fl-2024.

Diġitali:

L-ewwel tliet sejħiet (2021, 2022, 2023) koprew is-suġġetti tal-konnettività ewlenija għall-Global Gateways Diġitali, il-5G u l-Cloud Periferika għall-Komunitajiet Intelliġenti, il-kopertura tal-5G tul il-kurituri tat-trasport u n-networks ewlenin għall-federazzjonijiet pan-Ewropej tal-cloud. Dawk is-sejħiet żvelaw domanda għolja għal ċerti suġġetti (kejbils sottomarini), u domanda aktar baxxa għal oħrajn (bħal kurituri 5G, minħabba n-nuqqas attwali ta' stat ta' tħejjija tas-suq). Dan wassal għal adattament dinamiku tal-programm ta' ħidma u tal-allokazzjoni tar-riżorsi billi ffoka r-riżorsi fuq konnettività reżiljenti, b'kapaċità għolja u sovrana fl-UE u internazzjonalment. Dan kien kontribut siewi għat-tieni programm ta' ħidma tal-FNE Diġitali (2024-2027).

Tabella 4: ***Sejħiet tal-FNE Diġitali 2021–2023***

| Sena | Proposti | | Baġit | | | Rata ta' abbonament żejjed* |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Eliġibbli | Kienu ta' suċċess | Indikattivi | Mitluba | Allokati | |
| 2021 | 51 | 38 | 258 miljun | 555 miljun | 151 miljun | 2,15 |
| 2022 | 63 | 38 | 277 miljun | 923 miljun | 260 miljun | 3,33 |
| 2023 | 70 | 52 | 241 miljun | 578 miljun | 273 miljun | 2,39 |
| Numru totali | 184 | 128 | 776 miljun | 2,056 biljun | 684 miljun | 2,64 |

(*) Ir-rata ta' abbonament żejjed: il-finanzjament mitlub diviż bil-baġit indikattiv tas-sejħa.

## III. Oqsma ewlenin għall-investimenti

Trasport:

Skont l-Artikolu 3(2)(a)(i) tar-Regolament FNE, il-**FNE Trasport** trid tikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' network tat-trasport trans-Ewropew effiċjenti, interkonness u multimodali u ta'

infrastruttura għal mobbiltà intelliġenti, interoperabbli, sostenibbli, inklużiva, aċċessibbli, sikura u sigura.

L-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament jiddikjara li l-FNE trid tikkontribwixxi 60 % tal-baġit finanzjarju tagħha għall-**objettivi klimatiċi**. Il-FNE Transport qabżet din il-mira peress li 79 % tal-finanzjament tagħha huwa ddedikat għat-trasport sostenibbli. Hija investiet fl-infrastruttura ferrovjarja elettrifikata inklużi s-subsistemi tas-sinjalar assoċjati (ERTMS), fil-passaġġi fuq l-ilma interni u t-trasport multimodali, u fl-implimentazzjoni ta' infrastruttura għal vetturi b'emissjonijiet żero. Il-FNE qed tiffinanzja wkoll miżuri ta' kumpens għal proġetti infrastrutturali (riforestazzjoni, infrastruttura speċifika li tippermetti l-kontinwità tal-ħabitat naturali jew kurituri għall-qsim sikur tal-annimali). Barra minn hekk, is-sejħa għal proposti tal-2023 introduċiet element ta' "verifika tar-reżistenza klimatika" li jintegra l-miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u ta' adattament għalih fl-iżvilupp ta' proġetti infrastrutturali.

**Investimenti għal kull mezz ta' trasport**

Bejn l-2021 u l-2024, il-programm FNE ffinanzja l-infrastruttura Ewropea tat-trasport b'aktar minn EUR 21 biljun. Il-biċċa l-kbira ta' dan l-investiment huwa fi proġetti **ferrovjarji**, li rċevew aktar minn EUR 15-il biljun. L-investimenti f'din il-kategorija jvarjaw mill-kostruzzjoni u mit-titjib tal-binarji ferrovjarji għall-implimentazjoni tas-sistema Ewropea tal-ġestjoni tat-traffiku ferrovjarju (ERTMS, European Railway Traffic Management System).

Barra minn hekk, il-FNE Trasport tappoġġa titjib fit-trasport **fuq l-ilma**, b'aktar minn EUR 2 biljun allokati għall-portijiet marittimi u interni, il-passaġġi fuq l-ilma interni, id-diġitalizzazzjoni (sistemi ta' monitoraġġ tat-traffiku tal-bastimenti u ta' informazzjoni - VTMIS u servizzi ta' informazzjoni dwar ix-xmajjar - RIS), u titjib tat-terminals. Il-FNE Transport tiffinanzja wkoll proġetti tat-**toroq**, bħall-kostruzzjoni u t-titjib tat-toroq tat-TEN-T, u l-iżvilupp ta' żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri u sistemi ta' trasport intelliġenti (STI). Taħt it-trasport bl-**ajru**, il-FNE tiffinanzja l-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (riċerka dwar il-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru uniku Ewropew - SESAR) u t-titjib tal-ajruporti (taħt il-mobbiltà militari). Barra minn hekk, il-FNE Transport tappoġġa t-titjib fl-infrastruttura fil-modi kollha biex tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-assi militari. Fl-aħħar nett, EUR 1,38 biljun huma allokati għall-**infrastruttura tal-fjuwil alternattiv**, u l-akbar sehem imur għall-iċċarġjar tal-vetturi tat-triq, segwit minn bastimenti u inġenji tal-ajru stazzjonarji.

Tabella 5: ***Investimenti tal-FNE Trasport għal kull modalità (2021–2024, EUR miljun)***[16]

[16] Esklużi l-ftehimiet ta' għotja li qed jitħejjew.




Il-biċċa l-kbira tal-finanzjament tal-FNE (80 %) huwa allokat għal proġetti fuq in-network ewlieni tat-TEN-T, 13 % jmur għan-network komprensiv u 7 % jmur għal proġetti li ma jistgħux jiġu konnessi ma' parti speċifika tan-network tat-TEN-T iżda għadhom importanti għat-tlestija tiegħu (eż. komponenti abbord l-SESAR, l-STI, l-ERTMS eċċ.).

## Konnettività transfruntiera

Il-FNE Transport tappoġġa l-konnettività transfruntiera għal vjaġġar mingħajr xkiel fl-UE, b'78 % tal-finanzjament tal-FNE Trasport imur għal proġetti li jindirizzaw il-konnessjonijiet transfruntiera jew neqsin, filwaqt li jiġu żgurati l-multimodalità, l-installazzjoni ta' infrastruttura tal-fjuwil alternattiva u l-armonizzazzjoni tas-sistemi tal-ġestjoni tat-traffiku. Dan kien jinkludi wkoll finanzjament għal ħames proġetti transfruntieri ewlenin (il-Mina ta' Lyon-Turin, il-Mina Bażi ta' Brenner, il-Mina ta' Fehmarn Belt, Rail Baltica, Seine-Escaut/Scheldt) u r-rotot ta' aċċess tagħhom.

Illustrazzjoni 1: ***Appoġġ mill-FNE Trasport għall-konnettività transfruntiera***




Il-biċċa l-kbira tal-proġetti transfruntieri jtejbu jew jistabbilixxu konnessjonijiet ferrovjarji, iżda l-FNE tappoġġa wkoll il-konnessjonijiet tal-passaġġi fuq l-ilma interni u ftit sezzjonijiet tat-toroq. Pereżempju, punt ta' konġestjoni kbir fuq id-Danubju fil-kuritur tar-Renu/Meuse-Main-Danubju bejn Straubing u Vilshofen fin-Nofsinhar tal-Ġermanja rċieva appoġġ mill-FNE biex jiżdiedu l-fond u l-kapaċità tal-kanal navigabbli.

**Infrastruttura tal-fjuwils alternattivi**

Il-FNE Trasport tappoġġa l-użu ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi b'aktar minn EUR 1,38 biljun, li prinċipalment imorru għal proġetti li jimplimentaw stazzjonijiet tal-iċċarġjar fit-toroq tat-TEN-T u punti tal-iċċarġjar bl-elettriku. Dan jiffinanzja wkoll l-installazzjoni tal-elettriku mix-xatt għal vapuri rmiġġati, l-elettrifikazzjoni tal-operazzjonijiet fuq l-art tal-ajruporti, u l-istazzjonijiet ta' riforniment tal-idroġenu.

Mill-2021 'l hawn, bdew joperaw madwar 1 500 punt ta' provvista għall-fjuwils alternattivi tul in-network trans-Ewropew tat-trasport, prinċipalment għall-vetturi ħfief. Aħna nistennew li l-proġetti magħżula s'issa se jinstallaw aktar minn 25 000 punt ta' provvista għal vetturi ħfief u kważi 2 000 punt ta' provvista għal vetturi tqal. Il-portafoll ta' proġetti ta' fjuwils alternattivi se jikkontribwixxi wkoll għad-dekarbonizzazzjoni tal-operazzjonijiet f'63 ajruport Ewropew u għall-implimentazjoni ta' ċċarġjar tal-enerġija fuq l-art għall-bastimenti fi 28 port Ewropew.

Mappa 1: ***Infrastruttura għall-iċċarġjar tal-fjuwils alternattivi appoġġata mill-FNE Trasport (2021–2024)***




- Provvista ta' fjuwils alternattivi għal inġenji tal-ajru stazzjonarji
- Provvista ta' fjuwils alternattivi għall-utenti tat-triq, l-Elettriku
- Provvista ta' fjuwils alternattivi għall-utenti tat-triq, l-Idroġenu
- Provvista ta' fjuwils alternattivi għall-utenti marittimi/tal-passaġġi fuq l-ilma interni
- Toroq tat-TEN-T
- Pajjiżi tal-UE (inklużi territorji ekstra-Ewropej)
- pajjiżi mhux tal-UE

Kartografija: CINEA, Ġunju 2025

© EuroGeographics għall-fruntieri amministrattivi

**Diġitalizzazzjoni tat-trasport**

Il-FNE Trasport tappoġġa d-diġitalizzazzjoni tat-trasport Ewropew b'sejħiet speċifiċi għal proposti li jiffukaw fuq il-mobbiltà intelliġenti u interoperabbli, taħt il-pakkett ġenerali u ta' koeżjoni. Wara dawn is-sejħiet, 93 proġett irċevew finanzjament ta' aktar minn EUR 1,4 biljun. Kważi nofs dan l-ammont mar għall-proġetti tal-ERTMS (46 %), segwiti mill-proġetti SESAR (23 %) u ITS (17 %). Il-proġetti li jinvolvu s-sistemi li jifdal (eż. l-informazzjoni elettronika dwar it-trasport tal-merkanzija (eFTI, electronic freight transport information), l-RIS, is-sistema ta' single window marittima Ewropea (EMSWe, European Maritime Single Window environment), u l-VTMIS ammontaw għal 13 %.

**Trasport aktar sikur**

Il-FNE Trasport tappoġġa s-sikurezza fit-toroq permezz tal-kostruzzjoni ta' żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri, it-tneħħija ta' passaġġi invell, it-titjib tal-allinjamenti tat-toroq għal raġunijiet ta' sikurezza u l-implimentazjoni tal-SIT. Total ta' 58 proġett dwar is-sikurezza fit-toroq jirċievu EUR 3 biljun.

**Mobbiltà militari**

Wieħed mill-objettivi speċifiċi tal-FNE Trasport huwa li tadatta partijiet min-network TEN-T għall-użu doppju, filwaqt li ttejjeb kemm il-mobbiltà ċivili kif ukoll dik militari. Dan jenħtieġ li jippermetti movimenti fuq skala kbira ta' persunal u tagħmir militari madwar l-UE fi żmien qasir f'każ ta' kriżijiet. Taħt it-tliet sejħiet għall-mobbiltà militari (2021/2022/2023) intgħażlu total ta' 95 proġett f'21 Stat Membru. Dawn huma bbilanċjati b'mod ġust ġeografikament madwar l-UE b'densità tajba ta' proġetti fuq in-naħa tal-Lvant. 45 % ta' dan il-finanzjament mar għal proġetti ferrovjarji (eż. biex jiġu aġġornati l-pontijiet ferrovjarji, jinbnew sezzjonijiet ta' binarji b'veloċità baxxa għal ferroviji itwal u akbar, jiżdied l-għoli minimu tal-mini), 34 % għal proġetti tat-toroq (eż. biex jiġu aġġornati l-meded tat-toroq u l-pontijiet), 7 % għal proġetti tal-ajruporti (eż. biex jiżdiedu l-kapaċitajiet operazzjonali u l-aċċessibbiltà), u l-finanzjament li jifdal imur għal proġetti fil-portijiet u t-terminals (eż. biex jiżdiedu l-kapaċità u l-konnettività).

Il-FNE tippermetti l-finanzjament ta' **elementi sinerġetiċi** li jappartjenu għal settur ieħor tal-FNE (sa 20 % tal-kostijiet eliġibbli). Għall-elementi sinerġetiċi tal-FNE Trasport, l-aktar fir-rigward tal-infrastruttura relatata mal-enerġija, dawn huma ffinanzjati f'34 proġett li jirċievu EUR 64 miljun f'finanzjament mill-FNE. Pereżempju, 20 proġett qed jippjanaw li jinstallaw stazzjonijiet għar-riforniment tal-idroġenu u elettrolizzaturi, filwaqt li tmien proġetti qed jippjanaw li jinstallaw pannelli solari fl-ajruporti, fil-portijiet u fit-terminals ferrovjarji-stradali.

Il-FNE Trasport taħdem ukoll f'komplementarjetà ma' **Orizzont Ewropa**, pereżempju għall-ekoloġizzazzjoni tal-ajruporti. Filwaqt li l-FNE tappoġġa l-infrastruttura għall-fjuwils alternattivi u l-aċċess għat-trasport pubbliku, Orizzont Ewropa jiffinanzja soluzzjonijiet innovattivi effiċjenti fl-enerġija jew soluzzjonijiet diġitali u awtomatizzati ġodda għall-operazzjonijiet tal-ajruporti[17].

<u>Enerġija:</u>

[17] L-iżgurar ta' ajruporti kompetittivi u sostenibbli

Mill-2021 'l hawn, is-sejħiet għall-PCIs irċevew proposti minn ħames tipi differenti ta' kategoriji ta' proġetti (l-elettriku, il-gass, l-infrastruttura tat-trasport tas-$CO_2$, il-grilji intelliġenti tal-elettriku, l-idroġenu u l-elettrolizzaturi).

Fis-sejħa tal-2021, l-elettriku kien l-aktar kategorija sinifikanti tal-proġett, bi tliet għotjiet għal xogħlijiet li jammontaw għal 92 % tal-finanzjament tal-UE allokat. Fis-sejħa tal-2022, l-elettriku reġa' kien l-aktar kategorija sinifikanti li tammonta għal 52 % tal-finanzjament tal-UE allokat (64 % meta mqabbel mal-grilji intelliġenti tal-elettriku). Fis-sejħa tal-2023, l-infrastruttura tat-trasport tas-$CO_2$ kienet l-akbar kategorija li tammonta għal 80 % tal-finanzjament tal-UE allokat. Fis-sejħa tal-2024, l-elettriku (inklużi l-grilji lil hinn mill-kosta, il-ħżin) reġa' kien l-aktar kategorija sinifikanti li tammonta għal 57 % tal-finanzjament tal-UE allokat (59 % meta jingħadd flimkien mal-grilji intelliġenti tal-elettriku).

Bejn l-2021 u l-2024, is-sejħiet għall-PCI appoġġaw 62 proġett b'EUR 3,5 biljun f'finanzjament tal-FNE Enerġija: 43 kienu studji, b'finanzjament li jammonta għal kważi EUR 431 miljun u d-19 li jifdal kienu xogħlijiet, b'finanzjament li jammonta għal aktar minn EUR 3 biljun. Is-sejħiet tas-CB RES appoġġaw ukoll 14-il proġett (12-il studju u 2 xogħlijiet) b'finanzjament ta' EUR 91,2 miljun.

Illustrazzjoni 2: ***Portafoll tal-FNE Enerġija għal kull kategorija (2021–2024)***




## Grilji tal-elettriku u tal-elettriku intelliġenti

Il-FNE appoġġat 16-il proġett tal-elettriku, li jammontaw għal aktar minn EUR 2 biljun. Proġetti notevoli li rċevew għotjiet għal xogħlijiet jinkludu: l-interkonnettur EuroAsia bejn il-Greċja u Ċipru (EUR 658 miljun, 2021), elementi infrastrutturali addizzjonali meħtieġa għas-sinkronizzazzjoni tal-Istati Baltiċi mas-sistema tal-elettriku kontinentali (EUR 166 miljun, 2021), l-interkonnettur ELMED bejn Sqallija u t-Tuneżija (EUR 308 miljun, 2022), u l-Gżira tal-Enerġija ta' Bornholm (EUR 645 miljun, 2024).

Il-FNE appoġġat ukoll erba' azzjonijiet ta' grilji intelliġenti tal-elettriku f'erba' PCIs differenti, li jammontaw għal EUR 209 miljun. L-akbar għotja għax-xogħlijiet kienet ta' EUR 100 miljun għad-diġitalizzazzjoni tan-networks tad-distribuzzjoni tal-enerġija fil-Bavarja u fiċ-Ċekja.

## Network tad-diossidu tal-karbonju

Il-FNE appoġġat 21 proġett ta' infrastruttura tat-trasport tas-$CO_2$ li jammontaw għal EUR 864 miljun. L-akbar għotja għax-xogħlijiet kienet ta' EUR 161 miljun għall-fażi I taċ-Ċentru tas-$CO_2$.ta' Dunkirk.

Il-finanzjament mill-FNE ta' infrastruttura transfruntiera kritika għan-networks u l-ħżin tas-$CO_2$ jaħdem ħafna b'mod kumplimentari ma' Orizzont Ewropa li jappoġġa proġetti ta' riċerka biex tiġi esplorata l-fattibbiltà ta' teknoloġiji ġodda għall-ġestjoni tal-karbonju industrijali u biex tintwera l-vijabbiltà tat-teknoloġiji mill-perspettiva teknoloġika u ekonomika[18].

**Gass naturali**

Il-FNE appoġġat erba' proġetti tal-gass li jammontaw għal EUR 148 miljun. L-akbar għotja għax-xogħlijiet kienet ta' EUR 78 miljun għall-ħżin tal-gass fil-Bulgarija. B'mod ġenerali, filwaqt li l-proġetti tal-gass naturali kienu jikkostitwixxu sehem sinifikanti mill-finanzjament mogħti taħt il-programm FNE I (EUR 1 454 miljun), is-sehem tagħhom naqas taħt il-FNE II, l-aktar minħabba li ma għadhomx eliġibbli għall-finanzjament mill-FNE Enerġija wara r-reviżjoni tar-Regolament TEN-E.

**Idroġenu**

Il-FNE appoġġat 21 proġett tal-idroġenu – kollha għall-istudji – li jammontaw għal EUR 258 miljun. L-akbar għotja li tammonta għal EUR 33 miljun kienet għall-proġett Ewlieni Spanjol tal-Idroġenu.

**Sorsi rinnovabbli transfruntieri**

Il-FNE Enerġija tappoġġa finanzjarjament ħames proġetti transfruntieri tal-enerġija rinnovabbli, li jinvolvu tmien Stati Membri differenti, u erba' proġetti oħra li ma għandhomx l-istatus ta' CB RES bi studji preparatorji. Sal-2024, ingħataw EUR 91 miljun f'finanzjament lil 14-il proġett, inklużi 12-il studju tekniku u preparatorju u żewġ xogħlijiet. Il-proġetti jkopru varjetà ta' teknoloġiji tal-enerġija rinnovabbli, bħall-enerġija eolika lil hinn mill-kosta u fuq l-art jew il-fotovoltajċi solari, u l-applikazzjonijiet tal-enerġija, bħat-tisħin distrettwali jew il-produzzjoni tal-idroġenu rinnovabbli.

Għall-FNE Enerġija, **l-elementi sinerġetiċi** jikkonċernaw l-aktar l-infrastruttura tat-trasport, bħal mollijiet u installazzjonijiet tat-tagħbija tal-bastimenti. Bil-maturità dejjem akbar tal-kategoriji tal-infrastruttura tal-enerġija koperti mir-Regolament TEN-E l-ġdid, b'mod partikolari l-grilji intelliġenti tal-elettriku u tal-idroġenu, huma mistennija sinerġiji ulterjuri mal-fergħat diġitali u tat-trasport. Fis-settur tas-sorsi ta' enerġija rinnovabbli transfruntieri, il-proġetti emerġenti jiffokaw fuq il-ktajjen tal-valur tal-idroġenu kollha mill-ġenerazzjoni sal-użu f'setturi bħall-industrija u t-trasport.

Diġitali:

Billi tindirizza proġetti ta' interess komuni u jiffoka fuq interkonnessjonijiet transfruntiera, il-FNE **Diġitali** taġixxi bħala katalizzatur għall-ekosistema tal-konnettività diġitali madwar l-UE. Wara l-ewwel tliet sejħiet, il-FNE Diġitali bħalissa tiffinanzja 117-il proġett li jkopru s-suġġetti ewlenin stabbiliti hawn taħt, għal baġit totali ta' aktar minn EUR 640 miljun.

[18] Industrial Carbon Management: Interactive Stories. Industrial carbon management funded by the European Union

## Konnettività ewlenija għal Global Gateways Diġitali

Il-FNE Diġitali tappoġġa l-implimentazjoni ta' networks ewlenin ġodda jew l-aġġornament sinifikanti ta' networks eżistenti, inklużi kejbils sottomarini fi ħdan l-Istati Membri u bejniethom u bejn il-pajjiżi tal-UE u dawk mhux tal-UE. Il-fergħa tal-FNE Diġitali ilha mill-2021 tipprovdi appoġġ finanzjarju lil 51 proġett ta' Global Gateways Diġitali għal total ta' EUR 420 miljun.

Dawn il-proġetti jikkontribwixxu b'mod sinifikanti biex jagħtu spinta lill-konnessjonijiet globali bejn l-**Ewropa u** l-**Afrika** (eż. il-proġetti Medusa tal-Afrika jew Canalink-Marokk), il-**Lvant Nofsani** (eż. Il-proġett BlueMed tal-Lvant) u **l-Asja** (konnettività tal-Artiku), u biex jiġu kkonsolidati l-konnessjonijiet bejn l-Istati Membri fil-Mediterran, fl-Atlantiku, fil-Baħar Baltiku u fl-Ewropa Kontinentali (inkluża l-Ewropa Ċentrali u tal-Lvant). Dawn il-proġetti jappoġġaw ukoll il-konnettività fir-**reġjuni ultraperiferiċi** tal-Ewropa u fil-**pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej**, bħal fl-Oċean Paċifiku (eż. il-proġett NUANUA), fil-Karibew (eż. il-proġett BCA), fil-Gżejjer Kanarji (eż. il-proġett PENCAN-X) u fiż-żona Azores-Madeira (eż. il-proġett Atlantiku CAM).

Il-benefiċjarji kollha ta' dawn l-għotjiet tal-FNE huma **entitajiet ikkontrollati mill-UE** u l-kejbils li se jiġu implimentati huma mibnija b'teknoloġija sigura. Minbarra li tiġi ggarantita t-trażmissjoni sigura ta' terabytes ta' data fis-sekonda, kważi l-kejbils iffinanzjati kollha jinkludu **teknoloġiji intelliġenti**, li jaġixxu bħala sensuri ġeografiċi kbar biex jimmonitorjaw l-attivitajiet fil-qrib, u li jaġixxu bħala sistemi ta' twissija bikrija biex jipproteġu l-infrastruttura nnifisha.

It-tieni programm ta' ħidma tal-FNE Diġitali għall-2024-2027 jipprovdi EUR 542 miljun addizzjonali għall-kofinanzjament ta' proġetti ta' konnettività ewlenija. L-investiment totali tal-UE f'dawn l-infrastrutturi kritiċi fuq il-qafas finanzjarju attwali se jammonta għal kważi EUR 1 biljun.

Mappa 2: ***Proġetti ta' Global Gateway tal-FNE Diġitali***



## Sistemi 5G f'żoni fejn jinsabu l-ixprunaturi soċjoekonomiċi

Il-FNE Diġitali ilha mill-2021 tipprovdi appoġġ finanzjarju ta' total ta' EUR 128 miljun għal 41 proġett għall-implimentazjoni u l-adozzjoni rapida tal-**5G għall-Komunitajiet Intelliġenti.** Il-proġetti ffinanzjati jintegraw l-infrastruttura tal-5G mal-**edge computing**, b'enfasi fuq il-**5G awtonomu**, li jippermetti każijiet ta' użu innovattiv bħal kirurġija mill-bogħod, ir-realtà virtwali għat-tagħlim, il-monitoraġġ ibbażat fuq id-droni u aktar.

Mappa 3: ***Proġetti 5G għall-Komunitajiet Intelliġenti***




## Kopertura tal-5G tul kurituri ewlenin tat-trasport

Il-FNE Diġitali ilha mill-2021 tipprovdi appoġġ finanzjarju għal 25 proġett (xogħlijiet u studji) għal kopertura tal-5G mingħajr interruzzjoni tul il-kurituri tat-trasport transfruntieri għal total ta' EUR 93 miljun. Tnax minn dawk il-proġetti jimplimentaw infrastruttura tal-5G awtonomu tul il-kurituri transfruntiera tat-TEN-T, bħall-awtostradi, il-ferroviji, jew il-mogħdijiet marittimi, u b'hekk tiġi żgurata l-interoperabbiltà bla xkiel tas-sistemi nazzjonali tal-5G. L-infrastruttura tal-kuritur 5G se tippermetti firxa wiesgħa ta' servizzi ta' mobbiltà konnessi u awtomatizzati għall-vetturi, għas-sewwieqa, għall-passiġġieri, u għal atturi rilevanti oħra.

Mappa 4: ***Proġetti għall-kopertura tal-5G tul rotot ewlenin tat-trasport***




Il-proġetti tal-kuritur 5G tul il-kurituri ewlenin tat-TEN-T huma eżempju tajjeb għas-**sinerġiji** bejn il-fergħat differenti tal-FNE. Il-fergħa tal-FNE Diġitali tappoġġa wkoll l-implimentazjoni ta' infrastruttura diġitali transfruntiera (i) biex titħaffef id-diġitalizzazzjoni tas-setturi tal-enerġija u tat-trasport billi jissaħħu l-interoperabbiltà u l-istandardizzazzjoni (pjattaformi diġitali operazzjonali - ODPs, operational digital platforms) u (ii) biex jinħoloq ċirku ta' investiment "virtuż" ta' sħubija pubblika-privata. Is-sejħa tal-ODP tal-2022 iffinanzjat proġett ta' koordinazzjoni u appoġġ li qed iħejji t-triq għal proġett ta' xogħlijiet fit-tieni programm ta' ħidma pluriennali tal-FNE Diġitali għall-2024-2027.

## IV. Reazzjoni tal-FNE għall-kriżi riċenti

Matul l-aħħar snin, l-istrument tal-FNE wera l-flessibbiltà tiegħu biex jirreaġixxi għal sfidi u kriżijiet mhux previsti. Bil-gwerra ta' aggressjoni mhux ipprovokata mir-Russja, l-Ukrajna u l-Moldova talbu assoċjazzjoni formali mal-programm tal-FNE (ftehimiet iffirmati fid-9 ta' Mejju u fis-6 ta' Ġunju 2023). Dan jippermetti lill-benefiċjarji minn dawk il-pajjiżi jipparteċipaw b'mod indipendenti fis-sejħiet tal-FNE u jkunu osservaturi fil-laqgħat tal-Kumitat tal-FNE. L-UE ssospendiet il-kontribuzzjonijiet finanzjarji nazzjonali tagħhom għall-programmi tal-UE sakemm l-isfidi finanzjarji kkawżati mill-gwerra jibqgħu għaż-żewġ pajjiżi.

Trasport:

Wara li bdiet l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja fi Frar 2022, l-allokazzjoni tal-pakkett tal-**mobbiltà militari** ġiet aċċellerata kemm jista' jkun. Il-Kummissjoni aċċellerat l-evalwazzjoni tal-ewwel sejħa għal proposti dwar il-mobbiltà militari fl-2021 (li kienet miftuħa għall-applikazzjonijiet sa Jannar 2022), imbagħad nediet immedjatament it-tieni sejħa għall-mobbiltà militari f'Mejju 2022 (4 xhur aktar kmieni milli ppjanat). Il-baġit li jifdal ġie fornut

minn qabel, bl-aħħar sejħa għal proposti mnedija f'Mejju 2023. Konsegwentement, il-pakkett tal-mobbiltà militari ta' EUR 1.7 biljun ġie assorbit f'sentejn u nofs biss. Matul it-tliet sejħiet għal proposti, ir-rata ta' abbonament żejjed żdiedet kontinwament minn 1,2 għas-sejħa tal-2021 għal 4,7 fl-aħħar sejħa tal-2023, li tindika wkoll ħtiġijiet ta' investiment li qed jiżdiedu għall-infrastruttura b'użu doppju.

Illustrazzjoni 3: ***Xejra fid-domanda għall-finanzjament tal-mobbiltà militari tal-FNE (EUR miljun)***




Il-FNE Trasport uriet ukoll in-natura aġli tagħha billi takkomoda ħtiġijiet kritiċi li tfaċċaw fil-fruntieri esterni tal-UE mal-Ukrajna u l-Moldova. Il-finanzjament tal-FNE Trasport qed jappoġġa l-inizjattiva "**Korsiji ta' Solidarjetà**" u qed jikkontribwixxi għall-istabbiliment ta' rotot alternattivi għat-trasport tal-merkanzija kemm lejn u mill-Ukrajna kif ukoll il-Moldova wara l-imblokk tal-portijiet Ukreni. B'kollox (wara s-sejħiet għal proposti tal-2022 u l-2023), il-FNE Trasport ipprovda madwar EUR 1,5 biljun ta' finanzjament għal proġetti li jtejbu l-korsiji ta' solidarjetà u li jiżguraw li l-Ukrajna u l-Moldova jkunu konnessi aħjar mal-Istati Membri ġirien tagħhom tal-UE (il-Polonja, is-Slovakkja, l-Ungerija, ir-Rumanija). Dawn il-proġetti jenħtieġ li jtejbu l-kapaċità u l-aċċess għall-punti ewlenin ta' qsim tal-fruntieri tat-TEN-T bit-triq u bil-ferrovija billi jestendu u jaġġornaw l-infrastruttura, itejbu ż-żoni ta' parkeġġ, il-faċilitajiet u t-tagħmir tat-trażbord. L-appoġġ lill-Ukrajna jinkludi wkoll proġetti għall-iżvilupp tal-gejġ standard Ewropew (UIC) fl-Ukrajna biex jittejbu l-konnessjonijiet ferrovjarji tagħha mal-Istati Membri ġirien. L-ewwel riżultati diġà jistgħu jidhru fil-prattika.

Il-pandemija tal-COVID-19 u l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna wasslu għal inflazzjoni għolja, żieda fil-kostijiet tal-materjali tal-kostruzzjoni, forza tax-xogħol imnaqqsa u tfixkil fil-ktajjen tal-provvista. Dan kien ifisser li l-proġetti tal-FNE kienu jeħtieġu injezzjoni rapida ta' fondi biex jitwettqu l-azzjonijiet ippjanati. Għalhekk, il-programm ta' ħidma pluriennali ġie emendat biex ikun possibbli li l-baġit kollu disponibbli taħt il-QFP attwali jiġi fornut minn qabel għas-sejħiet tal-FNE Trasport tal-2023 u l-2024.

<u>Enerġija</u>:

Il-pandemija tal-COVID-19 u l-invażjoni tal-Ukrajna mir-Russja affettwaw ukoll l-implimentazzjoni ta' proġetti tal-enerġija ffinanzjati mill-FNE, minħabba ż-żieda qawwija fil-prezzijiet tal-enerġija, iż-żidiet sinifikanti fil-kostijiet, u n-nuqqasijiet fil-provvista fil-komponenti għal proġetti infrastrutturali. Dan irriżulta f'dewmien għal xi proġetti, b'mod partikolari b'rabta mal-ħtieġa li jiġu implimentati soluzzjonijiet tekniċi alternattivi u li jiġi pprovdut finanzjament addizzjonali.

F'Mejju 2022, b'reazzjoni għall-invażjoni mir-Russja, il-Kummissjoni adottat il-pjan **REPowerEU**[19] tagħha, li wassal għall-adozzjoni ta' diversi biċċiet ta' leġiżlazzjoni maħsuba biex inaqqsu d-dipendenza fuq il-fjuwils fossili Russi, jiddiversifikaw is-sorsi tal-provvista tal-gass, inaqqsu l-konsum tal-enerġija, u jaċċelleraw l-introduzzjoni ta' sorsi tal-enerġija rinnovabbli.

Filwaqt li r-Regolament FNE attwali u r-Regolament TEN-E riveduti daħlu fis-seħħ qabel il-pjan tar-REPowerEU, dawn huma allinjati mal-objettivi tiegħu. Mill-2013 'l hawn, il-proġetti ffinanzjati mill-FNE Enerġija kkontribwew għall-integrazzjoni tas-suq tal-enerġija tal-UE billi saħħew il-konnessjonijiet transfruntieri u żiedu s-sigurtà tal-provvista. Fl-2021, l-2022 u l-2023, ġew allokati għotjiet għal xogħlijiet fil-qasam tal-ħżin tal-gass li se jindirizzaw it-tħassib dwar is-sigurtà tal-provvista tal-gass fix-Xlokk tal-Ewropa, li huwa r-reġjun l-aktar affettwat direttament mill-qtugħ tal-provvista tar-Russja.

Ir-Regolament TEN-E rivedut jeskludi l-kategoriji tal-infrastruttura tal-fjuwils fossili mill-eliġibbiltà għall-istatus ta' PCI u jinkludi kategoriji ġodda ta' infrastruttura li huma kruċjali għad-dekarbonizzazzjoni, b'mod partikolari proġetti tal-idroġenu u grilji tal-elettriku lil hinn mill-kosta. Il-proġetti transfruntieri fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli jikkontribwixxu għall-implimentazjoni kosteffettiv ta' kapaċitajiet addizzjonali tal-enerġija rinnovabbli li jgħinu biex titnaqqas id-dipendenza tal-UE fuq il-fjuwils fossili.

Diġitali:

Kif stabbilit fl-ambitu tal-proġetti ta' interess komuni fis-settur diġitali, il-FNE tista' tgħin biex testendi u ssaħħaħ il-konnettività diġitali bejn l-UE u l-ġirien tagħha. Il-**proġett East West Gate** (iffinanzjat taħt it-tieni sejħa għal proposti) se jippermetti l-forniment ta' servizzi diġitali lill-Ukrajna u jżid direttament il-possibbiltajiet u l-kapaċità ta' komunikazzjoni kemm mal-Ukrajna kif ukoll bejn il-pajjiżi tal-UE.

Fil-kuntest tal-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja fil-konfront tal-Ukrajna u l-kunflitti u l-instabbiltà fil-Lvant Nofsani, sar essenzjali li jiżdiedu r-reżiljenza u r-ridondanza tal-**infrastruttura diġitali li tgħaqqad lill-Ewropa mal-Asja**. Il-FNE diġà ffinanzjat 3 proġetti ta' implimentazjoni tal-kejbils fir-reġjun tal-Artiku, jiġifieri Far North Fiber, Polar Connect u TUSASS CONNECT. Dawn il-proġetti huma parti mill-viżjoni tal-konnettività tal-Artiku, li eventwalment se twassal għal rotta alternattiva bejn l-Ewropa u l-Asja.

Diversi proġetti ffinanzjati taħt il-fergħa tal-FNE Diġitali jsaħħu l-konnettività diġitali madwar l-Ewropa u mar-reġjuni ġirien, inklużi l-Afrika ta' Fuq u l-pajjiżi tal-Ewropa tal-Lvant (l-Ukrajna u l-Moldova), li jirriflettu strateġija ġeopolitika usa' biex tissaħħaħ ir-reżiljenza diġitali tal-Ewropa, titrawwem l-integrazzjoni ekonomika u tiġi promossa l-

[19] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni (2022) 230 final tat-18.5.2022 dwar il-Pjan REPowerEU.

istabbiltà reġjonali. Bl-estensjoni tan-networks ta' kapaċità għolja u l-allinjament tal-istandards diġitali, il-programm jaġixxi bħala kontromiżura għal influwenzi esterni, filwaqt li jistabbilixxi kontroll fuq infrastrutturi diġitali kritiċi.

Il-FNE Diġitali għandha wkoll rwol importanti fil-ħolqien ta' alternattivi ta' konnettività diġitali, it-tisħiħ tar-reżiljenza tan-networks ta' komunikazzjoni u l-esplorazzjoni ta' rotot li jistgħu jevitaw punti ta' konġestjoni tradizzjonali użati żżejjed bħall-Kanal ta' Suez.

L-aħħar iżda mhux l-inqas, ir-rekwiżiti stretti ta' eliġibbiltà fil-FNE Diġitali, fir-rigward tal-promoturi tal-proġetti u t-tagħmir implimentat, jikkontribwixxu għas-sigurtà u l-affidabbiltà tal-infrastruttura kritika tal-komunikazzjoni diġitali ffinanzjata.

## V. Sitwazzjoni baġitarja attwali u valutazzjoni tal-progress

Ir-rieżami ta' nofs it-terminu tal-QFP attwali konkluż fl-2024 ma rriżulta fl-ebda bidla fil-baġit tal-FNE tat-tliet setturi kollha. Madankollu, il-programmi settorjali differenti xorta waħda kellhom xi bidliet fil-baġits tagħhom meta mqabbla mal-ammonti ta' referenza fil-bażi legali, kif deskritt hawn taħt.

Sabiex il-fondi tal-FNE allokati u l-proġetti appoġġati jsiru aktar viżibbli u trasparenti, is-CINEA nediet dashboard pubbliku f'Jannar 2023[20]. Dan id-dashboard ikopri l-proġetti u l-programmi kollha li s-CINEA tiġġestixxi, inklużi dawk li tiġġestixxi għall-FNE Trasport u l-FNE Enerġija. Din l-għodda tippermetti lil kulħadd isib informazzjoni aġġornata dwar il-proġetti, il-finanzjament u l-benefiċjarji tagħhom, u graffs biex jivviżwalizzaw id-data. Is-CINEA ppubblikat ukoll żewġ pubblikazzjonijiet interattivi li juru l-kisbiet tal-programm mill-2014, waħda għall-FNE Trasport[21] u waħda għall-FNE Enerġija[22], kif ukoll pubblikazzjoni ddedikata dwar is-Sinkronizzazzjoni tal-Baltiku[23].

Għal informazzjoni dwar l-allokazzjoni u l-proġetti tal-baġit tal-FNE Diġitali, ara s-sit web tal-HaDEA[24].

Aktar informazzjoni dwar l-implimentazzjoni baġitarja tal-FNE tista' tinstab ukoll fuq il-portal tal-prestazzjoni tal-Kummissjoni[25]. Din l-informazzjoni hija bbażata fuq id-dikjarazzjonijiet tal-prestazzjoni tal-programm sottomessi kull sena minn kull programm.

Trasport:

Intużaw EUR 250 miljun mill-baġit tal-FNE **Trasport** biex jiffinanzjaw l-Att Ewropew dwar iċ-Ċipep. Il-baġit tal-FNE Trasport qed jappoġġa wkoll nefqa amministrattiva addizzjonali li tirriżulta mill-pakkett "Lesti għall-Mira ta' 55 %", b'mod partikolari l-inizjattivi tal-Avjazzjoni FuelEU Maritime u ReFuelEU u aktar reċentement li jirriżultaw mir-Regolament

---

[20] CINEA Project Portfolio - Welcome | Sheet - Qlik Sense (europa.eu).
[21] Greener Transport Infrastructure for Europe 2014-2024: Building future-proof infrastructure thanks to the Connecting Europe Facility Transport.
[22] Interconnected sustainable energy infrastructure for Europe 2014-2024: Building a future-proof European Energy network with the Connecting Europe Facility Energy.
[23] CEF Energy: instrumental funding to achieve the Baltic synchronisation with the Continental European Network.
[24] About Connecting Europe Facility - Digital - European Health and Digital Executive Agency.
[25] Connecting Europe Facility - Performance - European Commission.

rivedut dwar l-Aġenzija Ewropea għas-Sigurtà Marittima u mir-Regolament dwar l-Ajru Uniku Ewropew 2+.

Kif deskritt qabel, il-baġit tal-FNE Trasport ġie fornut minn qabel fl-2021–2024. S'issa ġew allokati aktar minn EUR 21 biljun, wara l-iffirmar tal-proġetti magħżula taħt is-sejħiet tal-2021/2022/2023 (EUR 10,5 biljun mill-pakkett ġenerali, EUR 9,3 biljun mill-pakkett ta' koeżjoni) u taħt is-sejħiet għall-mobbiltà militari (EUR 1,7 biljun kollha mill-pakkett tal-mobbiltà militari). Dak l-ammont jinkludi wkoll EUR 1,3 biljun allokati għal proġetti ta' infrastruttura tal-fjuwils alternattivi taħt l-ewwel sejħa kontinwa għall-AFIF.

Il-baġit li jifdal tal-FNE se jiġi allokat taħt is-sejħa għal proposti tal-2024 u t-tieni sejħa kontinwa tal-AFIF, b'baġit ta' EUR 2,5 biljun u EUR 1 biljun rispettivament. Is-sejħa tal-2024 għalqet fl-aħħar ta' Jannar 2025 u bħalissa qed tiġi evalwata, filwaqt li t-tieni sejħa kontinwa AFIF tnediet fi Frar 2024 u se tibqa' għaddejja sal-bidu tal-2026.

L-ewwel ftehimiet ta' għotja ta' dan il-QFP ġew iffirmati fl-2022 wara l-ewwel sejħa għall-FNE Trasport li tnediet fl-2021. Peress li l-proġetti għall-istudji idumu sentejn sa 3 snin u l-proġetti għax-xogħlijiet ta' kostruzzjoni idumu erba' sa 5 snin, il-biċċa l-kbira tal-proġetti tal-FNE Trasport għadhom fl-istadji bikrija tagħhom. Bħalissa għaddejjin aktar minn 600 proġett. Huma biss ftit proġetti żgħar (23) li diġà ġew iffinalizzati (eż. infrastruttura ta' fjuwils alternattivi, żoni ta' parkeġġ sikuri u siguri). S'issa, il-proġetti qed jimxu 'l quddiem kif mistenni u f'konformità mal-ftehimiet ta' għotja rispettivi tagħhom. Dewmien possibbli jista' jseħħ biss fis-snin li ġejjin.

Il-FNE Trasport implimentat b'suċċess il-prinċipju "tużah jew titilfu". Jekk l-implimentazzjoni ta' proġett tiddewwem, l-ambitu tiegħu jiġi adattat u l-għotja tiegħu titnaqqas kif xieraq. Il-baġit imbagħad isir disponibbli f'sejħa oħra għal proposti ("rifluss").

Enerġija:

L-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-FNE **Enerġija** għall-2021–2023 inizjalment ammontaw għal EUR 2 397 miljun, inklużi EUR 5,9 miljun fi dħul assenjat mill-ordnijiet ta' rkupru preċedenti tal-FNE tal-2014–2020 fl-2021[26].

L-għotjiet mogħtija abbażi tas-sejħiet għal proposti għal proġetti ta' PCIs u CB RES fl-2021–2024 ammontaw għal EUR 3 542 miljun, u s-sejħiet CB RES tal-2024 għadhom pendenti.

EUR 430 miljun ġew ittrasferiti mill-approprjazzjonijiet ta' impenn tal-FNE Enerġija għas-sena 2023 għall-FNE Trasport. Dan juri li l-baġit tal-FNE qed jintuża bejn it-tliet setturi bl-aktar mod effiċjenti. Fl-2023, il-fergħa tal-FNE Enerġija kien għad kellha portafoll limitat ta' proġetti li kienu ngħataw finanzjament u li wħud minnhom kienu ffaċċjaw dewmien fl-implimentazzjoni. Fl-istess ħin, il-FNE Trasport kienet qed twettaq forniment minn qabel tal-baġit tagħha u setgħet tuża l-baġit ittrasferit taħt is-sejħiet tal-FNE Trasport għall-2023.

Il-baġit ittrasferit se jiġi rritornat għall-FNE Enerġija mill-2025 u huwa mistenni li jiġi impenjat fis-snin ta' wara, peress li huma mistennija ħtiġijiet kbar ta' investiment fil-kategoriji l-ġodda tal-infrastruttura tal-enerġija (b'mod partikolari l-grilji lil hinn mill-kosta u

[26] Skont l-ewwel programm ta' ħidma pluriennali fl-2021, C(2021) 5791 final tas-6 ta' Awwissu 2021: Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-finanzjament tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa u l-adozzjoni tal-programm ta' ħidma pluriennali għall-perjodu 2021–2027.

l-idroġenu). Ir-riżultati tas-sejħa tal-FNE tal-2024 għall-PCIs u l-PMIs ikkonfermaw dan: l-għotjiet mogħtija jammontaw għal total ta' EUR 1 250 miljun, u l-proġetti tal-grilji lil hinn mill-kosta u tal-idroġenu jinkludu 24 mill-41 proposta magħżula (li jammontaw għal EUR 947 miljun jew 76 % tal-finanzjament allokat).

Diġitali:

EUR 150 miljun tal-ammont ta' referenza fil-bażi legali għall-FNE Diġitali ġew trasferiti għall-Att dwar iċ-Ċipep u EUR 110 miljun tal-ammont ta' referenza ġew trasferiti lill-inizjattiva Infrastruttura għar-Reżiljenza, l-Interkonnettività u s-Sigurtà bis-Satellita ($IRIS^2$) (għall-2024-2027).

Il-bidu tal-implimentazzjoni diġitali tal-FNE ddewwem xi ftit, minħabba ċertu dewmien fl-adozzjoni, in-novità tal-programm, u l-karattru innovattiv ta' ċerti suġġetti (eż. il-5G għall-mobbiltà konnessa u awtomatizzata). Għaldaqstant, il-proġetti tas-Sejħa 1 bdew f'Jannar 2023, il-proġetti tas-Sejħa 2 bdew fil-bidu tal-2024, il-proġetti tas-Sejħa 3 bdew fil-bidu tal-2025, u l-proġetti tas-Sejħa 4 mistennija li jibdew fil-bidu tal-2026.

It-tliet sejħiet taħt il-programm ta' ħidma 2021–2023 segwew l-iskeda ta' ppjanar "wieħed fis-sena", b'impenji baġitarji ġenerali tajbin ħafna f'konformità mal-allokazzjonijiet finanzjarji, b'mod partikolari għal proġetti tal-kejbils sottomarini ppreżentati taħt is-sejħa Digital Global Gateways.

Filwaqt li l-ewwel riżultati tal-proġett se jkunu disponibbli biss mill-2025, il-portafoll attwali ta' proġetti jista' jitqies li jinsab fit-triq it-tajba. Wara l-ewwel tliet sejħiet inizjali, il-FNE Diġitali bħalissa tiffinanzja 117-il proġett li jkopru s-suġġetti ewlenin tagħha, b'baġit totali ta' aktar minn EUR 640 miljun.

## VI. Konklużjonijiet u prospetti għall-perjodu tal-QFP li jifdal

Il-baġit kollu għall-fergħa tal-FNE **Trasport** se jiġi impenjat fl-2025 u ma hemm l-ebda sejħa oħra ppjanata taħt il-QFP attwali, sakemm ma jkunx hemm xi rimborsi limitati ta' fondi mhux użati mill-proġetti.

Il-proġetti magħżula fis-sejħiet tal-FNE Trasport kollha għandhom valur miżjud għoli tal-UE u jenħtieġ li jikkontribwixxu għat-tlestija tan-network TEN-T. Fl-istess ħin, il-ħtiġijiet ta' investiment għan-network tat-TEN-T għadhom għoljin. Skont id-dokument ta' pożizzjoni tal-Koordinaturi tat-TEN-T minn April 2024[27], l-investiment totali meħtieġ biex jitlesta n-network ewlieni u estiż tat-TEN-T huwa ta' EUR 845 biljun matul il-15-il sena li ġejjin. Dan in-numru jqis ir-rekwiżiti l-ġodda kollha miżjuda matul ir-reviżjoni tar-Regolament TEN-T. Għal proġetti bl-ogħla valur miżjud tal-UE biss, l-ammont li jifdal li għandu jiġi investit huwa stmat għal madwar EUR 210 biljun.

Il-kuntest ġeopolitiku attwali jirrikjedi li ninvestu kemm jista' jkun malajr fi proġetti ta' mobbiltà militari li jżidu l-kapaċità għal movimenti fuq skala kbira ta' truppi u materjal tqil fi

[27] Connecting Europe. A transport funding and financing that is adapted to the challenges ahead. TEN-T Coordinators' Position Paper.

żmien qasir. Tali proġetti jenħtieġ li jiġu implimentati b'mod koordinat bejn l-Istati Membri biex jippermettu mobbiltà transfruntiera bla xkiel.

Għall-fergħa tal-**FNE Enerġija**, il-Kummissjoni se tkompli torganizza sejħiet għal proposti għal PCIs u PMIs u għal proġetti rinnovabbli transfruntieri sal-2027, u l-baġit kollu huwa mistenni li jiġi impenjat sa tmiem il-programm. Il-valur miżjud għoli tal-UE tal-proġetti tal-FNE Enerġija ġej mill-kontributi tagħhom għall-integrazzjoni tas-swieq interni tal-enerġija, għas-sigurtà tal-provvista tal-enerġija, u għad-dekarbonizzazzjoni tas-sistema tal-enerġija.

Skont studju tal-ħtiġijiet ta' investiment ippubblikat f'Jannar 2025[28], matul l-2024-2040 il-ħtiġijiet ta' investiment għal proġetti tal-elettriku transfruntieri u konnessjonijiet lil hinn mill-kosta waħedhom se jammontaw għal EUR 130 biljun. Il-proġetti ta' kooperazzjoni transfruntiera fil-qasam tal-enerġija rinnovabbli (proġetti **CB RES**) huma kruċjali biex jiġu ingranati l-assimetriji tal-potenzjal tal-ġenerazzjoni u tad-domanda, u diġà huma essenzjali għall-Istati Membri fejn ġew eżawriti l-possibbiltajiet kollha għal implimentazjoni iffukata domestikament. L-appoġġ tal-UE huwa strumentali fl-iffaċilitar ta' tali proġetti, li jinvolvu nefqiet kapitali intensivi u livell akbar ta' kumplessità u riskji, pereżempju minħabba d-diffikultà li jinstabu ftehimiet ta' kondiviżjoni tal-ispejjeż u l-benefiċċji bejn l-Istati Membri.

It-tieni programm ta' ħidma tal-**FNE Diġitali** (2024-2027) jibni fuq ir-riżultati u t-tagħlimiet meħuda bl-implimentazzjoni tal-ewwel programm ta' ħidma (2021–2023) u fuq il-prijoritajiet ta' politika li qed jevolvu fil-qasam tal-infrastruttura tal-konnettività diġitali. Il-FNE Diġitali se tkompli tappoġġa s-suġġetti ewlenin tal-konnettività u tal-5G msemmija hawn fuq, b'xi adattamenti għas-sejħiet relatati mal-5G, li issa huma integrati fi "proġetti pilota fuq skala kbira tal-5G" (li jibdew bis-Sejħa 4, li nfetħet fit-22 ta' Ottubru 2024).

Id-distribuzzjoni ppjanata tal-baġit ta' EUR 865 miljun disponibbli għall-2024-2027 tagħti prijorità liż-żieda fil-kapaċità, lir-reżiljenza u lis-sigurtà tal-konnettività transfruntiera tal-UE, b'EUR 542 miljun f'finanzjament għal global gateways jew kejbils sottomarini. Prijorità oħra hija t-tkomplija tal-implimentazjoni ta' konnettività tal-ogħla livell ta' żvilupp tekniku għal applikazzjonijiet avvanzati u innovattivi, b'EUR 205 miljun għall-proġetti pilota 5G. Ġew allokati EUR 90 miljun għall-implimentazjoni ta' rabtiet ta' komunikazzjoni kwantistika transfruntiera bejn l-Istati Membri.

Il-ħidma fuq l-**evalwazzjoni *interim* tal-FNE tal-2021–2027** għadha għaddejja, biex il-programm tal-FNE jiġi analizzat f'aktar dettall. Ġie offrut studju ta' appoġġ u f'Novembru 2024 il-Kummissjoni ppubblikat il-"Qafas ta' Monitoraġġ u Evalwazzjoni" (SWD(2024) 276)[29].

---

[28] Il-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Enerġija, Finesso, A., Kralli, A., Bene, C., Goodall, F. *et al.*, *Investment needs of European energy infrastructure to enable a decarbonised economy – Final report*, L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025.

[29] Commission Staff Working Document. Monitoring and Evaluation Framework for the Connecting Europe Facility 2021–2027.